Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Carmen Deguara

Vs

Eleonore Bugeja Said u William Said - Marcon Group

CCT 19/25/CC

Illum 1 ta' Lulju, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba tal-attrici ippreżentata fid-29 ta' Jannar 2025, fejn talbet rifuzjoni ta' l-ammont ta' mija hamsa u erbghin ewro u disghin centezmu (€145.90c) rappreżentanti ammont imhallas minnha ghal 'bedspread' mixtrija minghand l-intimati.

Ra li in segwitu ghal diversi tentattivi ta' notifilka, fit-8 ta' Mejju 2025, in-notifika giet rifjutata mill-haddiema ta' l-intimati. Fis-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2025, in vista tar-rifjut ta' notifika, t-Tribunal iddikjara l-validita ta' tali notifika, u skeda seduta ghat-3 ta' Gunju 2025 ghal provi kollha ta' l-intimati.

Illi fis-seduta tat-3 ta' Gunju 2025 dehret biss l-attrici, u t-Tribunal halla l-kawza ghas-sentenza.

Sema' l-attrici Carmen Deguara, u lil Vanessa Bajada jixhdu bil-gurament. Ha konjizzjoni tad-dokumenti ippreżentati mill-attrici fl-atti ta' dawn il-proceduri, inkluz l-ircevuta tal- 'bedspread', datata 14 ta' Novembru 2024.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra ;

Illi jirrizulta li fl-14 ta' Novembru 2024 l-attrici, xtrat 'bedspread' ta' qies 250cm bi 260cm, minghand l-intimati, ghal prezz ta' €145.90c (mija hamsa u erbghin ewro u disghin centezmu). L-attrici tispjega li l- 'bedspead' li xtrat kellha l-bizzila mad-dawra, u l- 'bedspread' ma gietx miftuha waqt li hija kienet fil-hanut. Meta l-attrici marret id-dar, fethet il-kaxxa tal- 'bedspread', u poggietha fuq is-sodda. Gara li dak il-hin indunat li l-bizzilla mad-dawra tal- 'bedspread' giet tkaxkar ma' l-art, peress li l-

parti fejn kien hemm il-bizzilla kienet itwal mill-qies tal- 'bedspread', u dan b'madwar erbatax -il centimetru.

Illi jirrizulta li l-attrici immedjatament infurmat lil intimati li riedet li tirritorna l-'bedspread' u tinghata l-flus imhallsa minnha lura. Madankollu, ma ntalaqx ftehim, u l-attrici kellha tirrikorri ghal dawn il-proceduri.

Illi fl-ewwel lok, t-Tribunal jaghmel referenza ghar-rifjut ta' notifika da parti ta' l-intimati. Fis-sentenza deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili, datata 20 ta' Frar 2003, per Onor. Imhallef Joseph R. Micallef, fl-ismijiet *Joseph Pace vs Makaw Limited*, gie stipulat li:

> *Jekk riferta tghid li l-persuna li kellha tkun notifikata b'att gudizzjarju irrifjutat li tilqa' l-imsemmi att, allura l-ligi tqis li dik il-persuna kienet notifikata kif ghandu jkun.*
> *Minbarra dan, ir-rifjut konxju u personali, jgib l-effett ta' notifika siewja, jekk mhux ukoll ghal rinunzja ghan-notifika min-naha tal-parti li lilha kellu jigi notifikat l-imsemmi att.*

Illi jirrizulta li r-riferta ta' l-intimati fl-atti ta' dawn il-proceduri giet rifjutata - u dan peress li l-haddiema li kienu fil-hanut inghataw ordni sabiex jirrifjutaw tali atti.

Illi t-Tribunal, wara li sema' lil attrici u lil Vanessa Bajada jixhdu bil-gurament, u wara li ha konjizzjoni tad-dokumenti ezebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri, hu tal-fehma li t-Talba avvanzata mill-attrici fic-cirkustanzi tal-kaz, ghandha tigi akkolta, b'dan li l-intimati ghandhom jirrifondu lura s-somma ta' €145.90c (mija hamsa u erbghin ewro u disghin centezmu) lil attrici, liema ammont huwa l-ammont rreklamat mill-attrici permezz ta' din l-istanza.

Illi t-Tribunal wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz,jordna li l-intimati ghandhom jirrifondu lura s-somma ta' €145.90c (mija hamsa u erbghin ewro u disghin centezmu), lil attrici, b'dan li l-attrici ghandha tikkonsenja l- 'bedspread' hekk kif tircievi tali hlas.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-Talba avvanzata mill-attrici ghar-ragunijiet hawn elenkati.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mill-intimati.

C. Cherrett.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru